17 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Salvatore Delicata et. *versus* Francesco Borg**

**Lokazzjoni — Ħanut — Avvjament — Sullokazzjoni — Ċessjoni.**

*Min ikun jiddetjeni ħanut mikri bl-avvjament, ma jistax jirrifjuta li jirrestitwieh lil sidu malli tispiċċa d-durata tal-lokazzjoni u jkun sarlu l-konġedo skond il-liġi, billi jakkampa li saritlu sullokazzjoni ta' dak il-ħanut.*

*Jekk imbagħad jippretendi li l-ħanut qiegħed għandu b'ċessjoni, huwa*

*ma jistax issostni l-oppożizzjoni tiegħu meta ċ-ċessjoni ma tkunx saret bil-miktub. Għax ċessjoni ta' avvjament mingħajr kitba ma tiswiex.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi ppremettew li huma, b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Diċembru 1950 (dok. A), interpellaw lill-konvenut biex jiżgombra mill-ħanut nru. 189 Valley Road, Birkirkara, liċenzjat għall-bejgħ ta' l-ispiriti f'isem l-attur Giuseppe Delicata, imma l-ħanut, l-iċenza u l-attrezzi, kienu ta' l-imsemmi Carmelo Debattista, awtur ta' l-atturi, u għalhekk il-konvenut ma baqgħalu ebda titolu biex jibqa' jokkupa u jiddetjeni dak il-ħanut; u talbu li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi fi żmien qasir u perentorju kundannat jiżgombra minn dak il-ħanut u jħallih liberu għall-atturi, flimkien mal-bank, imwejjed u bankettti u affarijiet oħra li kienu proprjetà tal-mejjet Carmelo Debattista. Salva l-azzjoni għad-danni kompetenti lill-atturi. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-4 ta' Diċembru 1950, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Ma hemmx dubju li dan il-ħanut kien ta' l-awtur ta' l-atturi, Carmelo Debattista, li kien iħallas il-kera tiegħu lis-sid, u kien il-titolari tal-Wine & Spirits Licence u tal-permess tar-restaurant;

Il-konvenut jippretendi li l-ħanut għandu issa jitqies f'idejh għax hu "krieh" minn għand Delicata. Fil-kors tat-trattazzjoni d-difensur tal-konvenut allega anki ċ-ċessjoni tal-ħanut;

Jekk kienet "sullokazzjoni", allura l-konvenut ma għandu ebda "locus standi". "Ex admissis" (ara xhieda tiegħu stess fol. 20), ma ġie mift hem ebda żmien, u l-kera ġie kalkulat bis-£6 x-xahar, u kwindi d-durata preżunta kienet ta' xahar, u lill-konvenut ġie mogħti l-konġedo skond il-liġi, li jġib għax-xoljiment tal-lokazzjoni;

Jekk kienet "ċessjoni" — li ma kienetx, għax il-permessi eċċ. baqgħu fuq Delicata, il-kera lis-sid baqa' jħallsu hu, u żamm iċ-ċwievet eċċ. — allura, ankorkè "ex hypothesi" kien hemm din iċ-ċessjoni, l-istess konvenut ma jistax jinvokaha, għaliex ċessjoni ta' avvjament eċċ. għandha tkun bil-miktub

taħt piena ta' nullità (ara "Xuereb vs. Camilleri", P. Awla 28 ta' Ottubru 1921, u, qabel "Vassallo vs. Rossi", 29. 11. 1897) ; u f'dan il-każ, "ex confessis", miktub ma kienx hemm ;

Ebda motiv ieħor ma ngieb ostativ għall-istanza ;

Għalhekk tiddeċidi adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż, u tipprefiġġi lill-konvenut, għall-finijiet tagħha, it-terminu ta' xahrejn żmien mil-lum.